MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 209/2012

Il-Pulizija
(Spettur Johan Fenech)
vs
**Noel Caruana**

iben Emanuel, imwieled Pieta' fl-24 ta' Dicembru, 1983, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 26084(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Noel Caruana, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-lejl ta' bejn id-29 u it-30 ta' Gunju 2003 u matul it-tliet xhur ta' qabel f'din id-data f'dawn il-Gzejjer:
1. kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (**ecstasy**) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta'

Malta u ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendat, liema medicina nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ April, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 40A, 120, 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta sabitu hati ta’l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija u multa ta’ €466.

Rat ir-rikors tal-appellant Noel Caruana tat-30 ta’ April, 2012 fejn talab lil din il-Qorti jogħoġobha titratta jekk ikun il-kaz ma' l-ewwel aggravju tieghu billi tirriferi l-ilment hemm imqanqal mill-esponent lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, tilqa’ dan l-appell billi thassar u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponent min kull htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponent ihoss illi fil-proceduri mehuda kontra tieghu fl-ismijiet hawn fuq premessi sehhet vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti mill-Kostituzzjoni u mill- Konvenzjoni Ewropeja, partikolarment tad-dritt tieghu illi fi procediment kriminali mehud kontra tieghu huwa jinghata smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u dan ghaliex huwa assulotament inawdit u inaccettabbli illi fuq kaz bhal dak odjern, fejn il-provi tal- prosekuzzjoni kienu mizejra u li in abbinament kienu jirrikjedu biss ftit minuti biex jingabru, idum biex jitressaq quddiem il-Qorti ghall-aktar minn tmien snin u dan ghall'ebda raguni valida jew li b' xi mod tista’ tigi attribwita ghal xejn hlief prosekuzzjoni traskurata u non-kuranti tad-drittijiet fondamentali tal-esponent. Huwa ghalhekk illi minn issa l-esponent qieghed iqanqal din il-kwistjoni sabiex fil-hin u il-waqt opportun tintalab riferenza lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi determinat jekk sehhx tali ksur allegat mill-esponent u jekk iva x' rimedju ghandu jinghata f’dan l-istadju li l-kaz tieghu ghadu sub-judice.

Illi l-ewwel Qorti ma' setghat qatt legalment issib htija fil-konfront tal-esponent peress illi qatt ma' gie ppruvat quddiem dik l-istess Qorti illi l-pilloli allegatament misjuba fuq il-persuna tal-esponent [jekk hemm prova sodisfacenti ta' dan] kienu fil-fatt medicina psikotropika u ristretta kif indikat fl-akkuza u per tant allura **l-element** materjali tar-reat in dizamina lanqas biss ma' gie remotament ippruvata. Konsegwenzjalment l-ewwel Qorti kienet legalment skoretta meta sabet htija kif fil- fatt ghamlet. Apparti dan l-esponent jemrnen illi l-argument tieghu in sostenn ta' dan l-aggravju immur oltre minn hekk billi jirrizulta, fl-umli fehma tieghu, illi f' dan il-kaz jekk hemrn prova li fil-fatt huwa kien instab fil-pussess ta' sitt pilloli, xorta jibqa l-fatt li ma' hemmx il-prova ta' liema kienu dawn is-sitt piloli peress illi hemm nieqsa ghal kollox il-kontitnwita tal-evidenza f' dan is-sens u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju hawn aktar ‘il fuq migjub, is-sejbien ta' htija mill-ewwel Qorti kien wiehed skorett kemm legalment, ghaliex saret applikazzjon skoretta tal-ligi, kif ukoll fattwalment, ghaliex l-applikazzjoni skoretta tal-ligi saret a bazi u in konsegwenza ta' interpretazzjoni skoretti tal-fatti u dan ghal diversi ragunijiet pero b'mod partikolari ‘il ghaliex il-mizerja ta' provi li tresqu mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz b'ebda mod ma' setghu iwasslu legalment u ragonevolment lil min ghandu jiggudika illi fil-kaz in dizamina l-esponent kellu fil-pussess tieghu id-droga msemmija fl-akkuza, f'cirkostanzi li juru lill' hinn minn kull dubbju dedatt mir-raguni li din l-istess droga ma' kienetx intiza ghall-uzu tieghu u li ghalhekk l-unika konkluzjoni li ragonevolment setghat titnlahaq kienet illi dik l-istess droga kienet intiza ghall-ispacc.

Hawn hekk ghandu jigu emfasizzat immedjatament illi dawn il-provi bdew jingabru u jitressqu quddiem Qorti ta' gurisdizjzoni kriminali ghall-ewwel darba wara t-tapass ta' xejn anqas minn **tmien [8]** **snin mid-data tal- akkadut** fatt dan tant assurd illi inizjalament, apparti li jikkostitwixxi

ksur lampanti u manifest tad-drittijiet fondamentali tieghu, gja jikkreja dubbji serji dwar kemm setghat il-prosekuzzjoni verament tikkonvinci moralment dwar il-htija tal-esponent ghall-imputazzjoni kif dedotta.
Hawnhekk l-esponent jaghmel riferenza diretta ghar-rizultanzi processwali u ghall-provi mressqa mill-prosekuzzjoni li bazikament kienu zewg ufficjali tal-pulizija u cioe' PC 10 u PC 494 li l-unika haga li setghu jghidu kienet illi huma jiftakru li ghamlu tfittxija fuq il-persuna ta' Noel Caruana, l-imputat gewwa l- awla [u anki l-identifikazzjoni ta' l-esponent hija ferm dubbjuza wara t-trappas ta' tmien snin!!] u li gewwa l-but sabu sitt pilloli li ovvjament huma ma' kienux jafu x' kienu pero ssupettaw li setghu kienu droga [Seduta tas-16 ta' Jannar 2012]. Dawn iz-zewg ufficjali ma' jaghtu ebda dettal iehor dwar l-avvenimenti u b'mod partikolari c-cirkostanzi kollha li fihom gie intercettat l-esponent f'dak il-lejl. F'ebda hin ma' jsemmu jekk l-esponent kienx wahdu jew akkumpanjat minn xi nies u minn min f’dak il-kaz. Ma' jissemma xejn dwar jekk huma f’xi hin rawx lill-esponent javvicina u/jew jigi avvicnat minn xi nies, jew ikkomunika b' mod suspettuz jew li setgha jqanqal suspett dwar attivita’ llegali. Ma' jinghad xejn dwar il-movimenti tieghu appena gie ntercettat u dwar ir-reazzjoni tieghu. Ma' jinghad xejn dwar kif instabu l-flus li kellu fuqu u kif dawn setghu kienu mqasmim fil-bwiet tieghu, haga li setghat tindika kjarament ukoll jekk l-esponent kienx qed ibiegh droga jew le f'dak il-lejl. Ma' jinghad xejn dwar fejn u f’liema zona tal-istabiliment li fih kien qed issir dan l-avveniment gie waqqaf l-esponent, haga li setghet titfa dawl sew fuq l-intenzjonijiet tieghu. Lanqas ma' jaghmlu accenn imqar ghall-hin li fih huma waqfuh, u cioe' jekk kienx fil-bidu *tal-party* jew lejn l-ahhar, fatt li kien ikun indikattiv hafna dwar jekk il-pilloli kienux intizi ghall-konsum jew le. <u>Lanqas biss f'xi mument dawn iz-zewg xhieda ma' gew murija d-droga li suppost huma kienu elevaw minn fuq il-persuna tal-esponent</u>,fatt dan li jaghti wkoll sostenn ghat-tieni parti tat-tieni aggravju hawn aktar il-fuq migjub.

Bazikament in ri-assunt dak li strahet fuq l-ewwel Qorti biex sabet htija tal-akkuza kif migjuba kontra l-esponent

kien semplicement il-fatt li huwa kien fil-pussess ta' sitt pilloli.

Huwa hawnhekk li issa l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni skoretta tal-Ligi meta ikkunsidrat illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 121A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta l-esponent kellu jaghti spjegazzjoni tal-uzu li kien ser jaghmel b'dak il-pilloli. Filwaqt li huwa minnu b'applikazzjoni ta' dan l-artikolu f'certu sitwazzjonijiet jista’ jkun jispetta lill-imputat li jaghti spjegazzjoni mqar fuq bazi ta' probabbilta dwar l-uzu li jkun ser jagbmel mid-droga, dan isseh biss jekk u wara li l-prosekuzzjoni tkun resqet dawk il-provi kollha li juru sal-grad rikjest mill-ligi li d-droga u l-ammont misjub kienu tali li ma' jigux normalment assocjati ma' uzu u konsum personali. Jigifieri, jekk il-prosekuzzjoni ma' tilhaqx dan il-grad ta' prova, allura l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu ma' tiskattax. [Ara f' dan is-sens Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hasan Trabelsi u Il-Pulizija vs Stephen Abela- Q.A.K). Ghalhekk l-Artikolu 121A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta ma' jistax jintuza biex issahah il-grad probatorju tal-prosekuzzjoni hlief jekk l-istess prosekuzzjoni, sa l-istadju ta' qabel ma' d-difiza tibda l-kaz taghha, tkun ressqet provi legalment sodisfacenti li jippruvaw c-cirkostnazi kollha li jindikaw li ma setghax ikun hemm uzu jew konsum personali tad-droga in kwistjoni. Ikun biss hemmhekk illi d-difiza sabiex tezonera ruhha tkun marbuta illi tressaq spjegazzjoni [permezz ta' provi jew sottomisjsonijiet] li twasal sal-grad tal-probabbli illi l-ammont kien wiehed potenzjalment intiz jew assocjabbli ghall-uzu personali skond il-kaz . F' kaz li l-prosekuzzjoni pero’ ma' tilhaqx dak il-grad ta’ prova, allura dan l-obbligu fuq l-imputat ma jiskattax u ma jkun tenut li jforni ebda spjegazzjoni jew prova.

Issa fil-kaz odjern, dejjem bl-akbar rispett lejn l-ewwel Qorti, zgur li wiehed ma' jistax jargumenta li l-prosekuzzjoni ressqet provi legalemnt sodisfacenti propju ghaliex il-fatt in izolat li l-esponent kellu fuq il-perusna tieghu sitt pilloli waqt avveniment bhala dak li kien ser jattendi ghalih huwa f'dak il-lejl huwa indizzju kwazi konkluziv li dawk il-pilloli kienu ser jintuzaw minnu stess u

dan peress illi f' dak it-tip ta' avvenimenti l-ammont ta' sitt pilloli psikotropici [jekk hekk kienu dawk misjuba fuq l-esponent] huwa ammont normalissimu u li komunement jigi assocjat mal-konsum minn persuna wahda f'serata bhal dik li attenda ghaliha hu. In effetti wahda mill-konkluzjonijiet fattwali tal-ewwel Qorti li l-esponent ftit setgha jaccetta kienet dik illi l-ammont ta' sitt pilloli huwa wiehed konsiderevoli ghall-uzu ta' persuna waqt party u dan ghaliex fil-fatt kif gja spjegat, f'dan it-tip ta' *parties* huwa normali u komunissimu illi persuna wahda taghmel konsum ta' dak l-ammont jew ammonti anke akbar f'lejl wiehed. Imbaghad meta wiehed iqis li quddiemha l-ewwel Qorti kellha provi li juru illi l-esponent kien jaghmel effetivament uzu minn dik it-tip ta' droga dak iz-zmien allura aktar u aktar jispjega ruhu l-ammont ta' sitt pilloli bhala wiehed li kien ser juza u j ikkonsma hu stess.

Illi ghalhekk, dejjem minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra mressqa f'dan ir-rikors, l-esponent umilment jissottometti li f'dan il-kaz zgur li b'ebda mod il-prosekuzzjoni ma' ressqet provi li jwaslu legalment ghas-sejbien ta' htija tal-esponent dwar pussess ta' droga f'cirkostanzi li juru li din ma' kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu u li se mai l-provi li kien hemm kienu jwasslu biss sal-grad tal-pussess semplici [akkuza pero' li tirrizulta preskritta minhabba d-dewmien ezagerat u ingustifikat li l-Pulizija hadet biex ressqet dan il-kaz.]

Illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija wahda eccessiva u gravuza u dan ghar-ragunijiet kollha gja suesposti u b'mod partikolari ghaliex kien hemm lezjoni tad-drtittijiet fundarnentali tal-esponent f'dawn il-proceduri kif ukoll ghaliex minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost l-esponent setgha jinstab hati biss ta' pussess semplici fejn allura il-piena karcerarja m'hijiex mandatorja [ghalkemm l-akkuza per se hija preskritta u bla pregudizzju ghal tali eccezzjoni] u ghaliex ic-cirkostanzi kollha l-ohra ta' dan il-kaz jitolbu li tinghata piena ferm u ferm aktar miti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li fil-proceduri kontra tieghu saret vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu kif saciti mill-Kostituzzjoni billi ma nghatax smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Din il-Qorti hi tal-fehma li billi l-kaz inqala f'Gunju tas-sena 2003 u l-appellant tressaq il-Qorti f'Gunju tas-sena 2011, jigifieri tmien snin wara li ssehh il-kaz, l-appellant ghandu ragun li dawn ma kienux proceduri li ttiehdu fi zmien xieraq. Madankollu, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-fatt izda l-appellant jista' jiehu dawk il-proceduri li jistghu jispettaw lilu.

Illi t-tieni lanjanza tal-appellant hi li l-Qorti qatt ma setghet issib htija billi qatt ma gie pruvat li l-pilloli li nstabu fuq il-persuna tal-appellant kienu fil-fatt pilloli ristretti fl-uzu taghhom. Jekk l-appellant ghandu ragun fuq dan il-punt allura din il-Qorti maghandha ebda triq ohra hlief li tehles lill-appellant.

Hawnhekk, hu xieraq li tigi analizzata s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti. Jirrizulta li l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-istqarrija ta' l-imputat appellant li kienet ittiehdet minghajr l-assistenza ta' konsulent legali. Dan il-punt gie mqanqal mill-abbli difensur ta' l-imputat u l-ewwel Qorti ben tajjeb skartat l-istqarrija tal-imputat appellant fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali senjatament is-sentenzi decizi minn dik il-Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Alvin Privitera tal-11 ta' April, 2011 u 'Il-Pulizija v Esron Pullicino' tat-12 ta' April, 2011.

Ghalhekk, l-ewwel Qorti kellha tghaddi biex tiddecidi l-kawza quddiemha fuq l-iskorta ta' l-provi l-ohra. Jigifieri l-provi residwi wara li tigi skartata l-istqarrija.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-pulizija ghamlet tfittxija fuq il-persuna tal-appellant u sabu fil-pussess tieghu sitt pilloli. Wiehed kien jistenna li tali pilloli jigu analizzati u fuq ir-rizultati kimici tkun taf x'inhuma dawn il-pilloli. Mhux talli din l-analizi ma saritx izda dawn il-pilloli lanqas gew ezebiti mill-pulizija. Ghalhekk, fl-atti ta' din il-kawza ghajr ghal fatt li l-pulizija xehdu li kienu elevaw dawn is-sitt pilloli ma hemm xejn.

Illi f'dawn il-kazijiet hu essenzjali li din il-prova ssir biex isserrah il-mohh ta' min ghandu jiddecidi li verament tali pilloli jew sustanzi elevati mill-pulizija huma verament sustanzi llegali skont il-ligi.

Illi din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn kumment xejn aktar fuq dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lil Noel Caruana minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------